# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015**

**Talba Nru: 267/2015/VG**

**De La Tour Enterprises Limited [C-3442]**

**Vs**

**Alain MANGION**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' April, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' mitejn, tnejn u tletin euro u ghaxar centezmi ta' euro [€232.10c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u ghaxar centezmi (€232.10) dovuta skont l-istatement of account datat il-5 ta' Mejju, 2015 kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala "Dok B". Dan l-ammont jirraprezenta bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjata lill-intimat fuq ordni tieghu stess ghal perjodu bejn Mejju 2013 u Ottubru 2013;

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi ghal hlas ta' dan l-ammont inkluz permezz ta' ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, Ligijiet ta' Malta, bin-numru 828/14, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala Dok A. Madanakollu, l-intimat ma giex notifikat, bl-istess ittra. Il-hlas dovut baqa ma sarx u ghadu dovut.

GHALDAQSTANT, is-socjeta rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex,

1. Jiddeciedi u jiddikjara lill-intimat bhala debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u ghaxar centezmi (€232.10), jew somma verjuri li tista tigi deciza;

2. Jordna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont imsemmi ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u ghaxar centezmi (€232.10) jew somma verjuri.

   Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mis-socjeta rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz fir-rigward tal-ittra ufficjali surreferita, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13, Ligijiet ta' Malta"

Ra li l-intimat gie debitament notifikat skond il-ligi bil-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal nhar l-24 ta' Gunju, 2015 u tal-lum.

Ra li Joseph Vella ikkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Umberto Borg Cardona ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' mitejn, tnejn u tletin euro u ghaxar centezmi ta' euro [€232.10c] rapprezentanti bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjata lill-intimat fuq ordni tieghu stess ghal perjodu bejn Mejju 2013 u Ottubru 2013.

   Ikkunsidra;

2. Joseph Vella ikkonferma llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

   *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal nhar l-24 ta' Gunju, 2015 u tal-lum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mitejn,

tnejn u tletin euro u ghaxar centezmi ta’ euro [€232.10c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta’ kull ammont dovut mill-intimat skond l-istatement esebit mill-istess socjeta rikorrenti mat-Talba odjerna (fol. 3), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**